ILLUM TINGĦATA L-AĦĦAR TISLIMA LIL PAWLU CURMI – 'IL-PAMPALUN'

# Il-Karnival mhux se jkun l-istess mingħajrek

**Noel D'Anastas**


Pawlu Curmi – Missier il-Karnival Malti


'Il-Pampalun kien jieħu gost jieħu ritratti ma' personalitajiet li kienu jżuru l-Karnival. F'dan ir-ritratt jidher mal-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola'

Matul din il-ġimgħa, Malta u wisq aktar il-kapitali tagħha, tilfet bniedem b'qalb kbira li ddedika ħajtu kollha għall-Karnival, jaħdem l-injam, jibni l-karrijiet, jiżfen u jdoqq. Min jaf kemm xpruna tfal u żgħażagħ lejn il-briju tal-Karnival. Mimli enerġija u allegrija, Pawlu Curmi 'Il-Pampalun' sinonimu ma' dak kollu marbut mal-Belt, m'għadux aktar magħna, iżda l-memorji sbieħ tad-doni artistiċi tiegħu, se jibqgħu għall-ġenerazzjonijiet ta' wara. Li hu żgur, li l-Karnival Malti mhux se jkun l-istess mingħajru.

Imwieled **fit-12 ta' Diċembru 1930 fi Triq Marsamxett fil-Belt Valletta,** iben Ġanni magħruf bħala 'Balalu' u Giorgia, imwielda Cremona, Pawlu kien l-iżgħar minn disa' subien ġo familja ta' 13 l-ulied, ħafna minhom mużiċisti. Missieru Ġanni kien jaħdem għall-Karnival, kien jagħmel il-kostumi.

Kien ċertu Ġanni 'In-Nikta' li laqqam lil Pawlu 'Pampalun'. Meta 'In-Nikta' kien jara lil Pawlu jilgħab il-ballun, kien jgħidilhom: "Dak it-tifel, Pawlu 'ta' Balalu', pampalun għall-ballun", u baqgħetlu l-'Pampalun'.

Il-familja Curmi hija sinonima mal-mużika, mad-divertiment fil-ħwienet u s-swali taż-żfin li kien hemm fi Strada Stretta u l-inħawi.

F'intervista interessanti li kien ta Pawlu lil George Cini, l-awtur tal-ktieb 'Strada Stretta: It-triq li darba xegħlet il-Belt', jistqarr li missieru kien idoqq il-mandolina u ħutu kienu l-biċċa l-kbira mużiċisti. Missieru kien aġent tal-frott u kien xtara xi ħwienet fi Strada Stretta. Kien xtara l-Jazz Variety, wieħed mill-istabbilimenti l-kbar magħruf għad-divertiment tal-kant u żfin mixxantusi barranin. Wara missieru kien ħa restorant propju fi żmien il-gwerra meta Strada Stretta kienet dejjem mixgħula. Ġanni kellu wkoll il-QE u l-Follies Bergere, żewġ stabbilimenti oħra magħrufa għad-divertiment.

Pawlu minn għeruqu kien f'dan l-andament, mużika, żfin, kuluri, ċajt u enerġija. Pawlu jistqarr li l-karriera tiegħu bdiet propja fil-ħwienet ta' missieru. Beda għassa fil-bieb biex meta jkun ġej il-pulizija javża lil missieru biex jaħbi t-tfajliet li kienu qed jaħdmu fil-ħanut. Jgħid hekk: "Meta kont naħdem għassa fil-bibien, jien kont inħabbat ħafna ritmijiet mal-bieb. U darba tela' ħdejja l-pjanista ta' missieri, Ġużeppi, u qal lil missieri: 'Ġanni, it-tifel jekk intellgħu, nuruh xi ħaġa fuq id-drums, qed jagħmel ritmijiet tal-ġenn'. U tlajt indoqq miegħu l-banjos."

Jgħid li f'sena jdoqq id-drums kien sar magħruf. U min hemm bdiet l-istorja.

Daqq ukoll ma' ħuh Ġużeppi (missier Ġorġ, il-Pusè) li kien sassafonista prim. Pawlu kien qed jiġbed l-attenzjoni tal-baħrin għal dawk is-solijiet twal li kien qed jagħmel fuq id-drums. L-interess għall-mużika kompla fit-tagħlim tal-solfeġġ għand Pawlu Arnaud, Belti li sawwar il-mużika għal 'Ċetta from Valletta'.

Pawlu Curmi kien jifforma wkoll parti mill-banda ta' Oscar Lucas u mal-banda tiegħu daqq fil-Las Vegas fil-Belt fil-bidu tas-sittinijiet, liema stabbiliment kellu wkoll disinn ta' ġewwa xogħol tal-istess 'Pampalun'.

Pawlu daqq ukoll f'bosta postijiet magħrufa, inkluż fid-Dragonara, fis-Ceasar's f'Buġibba ma' Rolf Harris (1930-2023), u fil-Whisper Knight Club fil-Mosta, il-mekka ta' bosta artisti internazzjonali fosthom il-famuż Barry Mason (1935-2021), is-songwriter ta' bosta suċċess kbar li għamlu lil Tom Jones, Engelbert Humperdinck u tant oħrajn popolarità fil-klassifiċi internazzjonali. Pawlu daqq ukoll mal-orkestra tar-Rediffusion.

### Il-Pampalun fil-Karnival

Bla dubju li Pawlu Curmi jibqa' sinonimu mal-briju tal-Karnival Malti. Il-parteċipazzjoni tal-Pampalun fil-Karnival bdiet fl-1950 fil-kumpanija ta' ħatnu, Christopher Caruana. Wara mal-kumpanija ta' ħuh, Salvu. Fi żmien qasir, Pawlu waqqaf il-kumpanija tiegħu, kumpanija ta' suċċess.

Għal snin twal ferraħ lil min segwa l-Karnival bis-sehem tiegħu bħala żeffien fil-kumpanija tiegħu stess li matul is-snin ipparteċipaw f'diversi kategoriji u r-rebħ ma naqasx. Pawlu baqa' attiv fil-Karnival sakemm faqqgħet il-pandemija tal-Covid. Miegħu tgħallmu wħud mill-aqwa protagonisti tal-flotot tal-karrijiet u kumpaniji taż-żfin ta' dawn l-aħħar 40 sena, fosthom Oscar Curmi, Charlie Axisa, Norman Hill u ħuh Charlie.

Curmi kien involut ukoll fil-futbol, fejn lagħab mal-Valletta Vanguards u kien ukoll strumentali fit-twaqqif tar-Regatta Club, f'Marsamxett.

Pawlu kien miżżewweġ lil Doris Zarb, u kellhom żewġ ulied, John u Carmen.

## L-aħħar tislima llum fl-10am il-Belt

Il-mewt ta' Pawlu Curmi il-'Pampalun' ġabet magħha diqa kbira, mhux biss lil dawk li kienu jafuh mill-qrib, iżda fil-pajjiż kollu. Bosta kienu l-posts imtellgħin fuq il-Facebook isellmu l-memorja tiegħu. Malta bkietu! Nieħu spunt wieħed mill-bosta. Il-Prof Andrew Aquilina jsellimlu b'dan il-vers: "Il-Pampalun kien wieħed mill-aqwa Youth and Community Workers li qatt kellu dal-pajjiż. Min jaf kemm salva żgħażagħ u adulti."

L-aħħar tislima lir-Re tal-Karnival, il-leġġenda Pawlu Curmi 'il-Pampalun', tingħata llum is-Sibt, fl-10 ta' filgħodu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt.